# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 1637/00**

**Numru 28**

**AIC Francis Montesin u AIC Anthony Scerri**

**vs**

**MLR Imports Ltd**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn sitta u sebghin lira (Lm276) bhala drittijiet professjonali u VAT lill-atturi spettanti ghal prestazzjonijiet moghtija minnhom fuq inkariku tas-socjeta konvenuta fir-rigward ta' applikazzjoni ghall-bini Nru. PA 1770/99.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' April 2000 u dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu 2000, u bl-imghax legali mit-18

ta' Awissu 2000 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 9 tal-atti kif ukoll in nota tal-atturi a fol 11 tal-atti li biha l-ammont mitlub gie ridott ghal Lm138 stante pagament fil-mori tal-kawza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-8 ta' Ottubru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex ihallas lil-atturi s-somma ta' Lm138.00,0 bl-imghax legali fuq is-somma kif ridotta mit-18 ta' Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' April 2000 u ta' dik ufficjali tat-18 ta' Awissu 2000.

Alan Calleja
Deputat Registratur